REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1390

tat-13 ta' Awwissu 2015

li jemenda għall-233 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1)(a) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 fih lista tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Mit-22 ta' Mejju 2015 sal-15 ta' Ġunju 2015, permezz ta' erba' deċiżjonijiet meħuda fit-22 ta' Mejju 2015, fil-15 ta' Ġunju 2015, fis-26 ta' Ġunju 2015 u fl-10 ta' Lulju 2015 rispettivament, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (il-KSNU) iddeċieda li jemenda sitt annotazzjonijiet u ħames entitajiet mil-lista ta' persuni fiżiċi li fir-rigward tagħhom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi. Fis-6 ta' Awwissu 2015, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU ddeċieda li jżid annotazzjoni waħda mal-lista.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi aġġornat skont dan.

(4) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap.18, Vol. 001, p. 294).

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjonijiet li ġejjin jiġu emendati fl-intestatura "Persuni fiżiċi":

(a) L-annotazzjoni "Aiman Muhammed Rabi Al-Zawahiri (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim, (c) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi Abdel Muaz, (d) Al Zawahiri Ayman, (e) Abdul Qader Abdul Aziz Abdul Moez Al Doctor, (f) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi, (g) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabie, (h) Al Zawahry Aiman Mohamed Robi, (i) Dhawahri Ayman, (j) Eddaouahiri Ayman, (k) Nur Al Deen Abu Mohammed, (l) Ayman Al Zawahari, (m) Ahman Fuad Salim, (n) Abu Fatma, (o) Abu Mohammed). Titolu: (a) Professur, (b) Dr. Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Numru tal-Passaport: (a) 1084010 (Passaport Eġizzjan), (b) 19820215. Tagħrif ieħor: (a) Eks mexxej operattiv u militari tal-Grupp tal-Ġihad Iżlamiku Eġizzjan, illum kollaboratur qrib ta' Usama Bin Laden, (b) Joqgħod fiż-żona tal-fruntiera ta' bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Aiman Muhammed Rabi Al-Zawahiri (magħruf ukoll bħala (a) Ayman Al-Zawahari, (b) Ahmed Fuad Salim, (c) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi Abdel Muaz, (d) Al Zawahiri Ayman, (e) Abdul Qader Abdul Aziz Abdul Moez Al Doctor, (f) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabi, (g) Al Zawahry Aiman Mohamed Rabie, (h) Al Zawahry Aiman Mohamed Robi, (i) Dhawahri Ayman, (j) Eddaouahiri Ayman, (k) Nur Al Deen Abu Mohammed, (l) Ayman Al Zawahari, (m) Ahman Fuad Salim, (n) Abu Fatma, (o) Abu Mohammed). Titolu: (a) Tabib, (b) Dr. Data tat-twelid: 19.6.1951. Post tat-twelid: Giża, l-Eġittu. Nazzjonalità: Eġizzjana. Numru tal-Passaport: (a) 1084010 (Passaport Eġizzjan), (b) 19820215. Informazzjoni oħra: (a) Mexxej ta' Al-Qaida (b) Eks mexxej operattiv u militari tal-Egyptian Islamic Jihad, kien assoċjat mill-qrib ta' Usama Bin Laden (mejjet), (c) Maħsub li jinsab fiż-żona tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.1.2001."

(b) L-annotazzjoni "Yasser Mohamed Ismail Abu Shaweesh (*alias* Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Indirizz: Il-Ġermanja. Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Bengazi, il-Libja. Nazzjonalità: Palestinjana bla stat. Numru tal-Passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Tagħrif ieħor: (a) Fil-ħabs fil-Ġermanja; (b) Ħuh huwa Ismail Mohamed Ismail Abu Shaweesh. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Yasser Mohamed Ismail Abu Shaweesh (magħruf ukoll bħala Yasser Mohamed Abou Shaweesh). Indirizz: Il-Ġermanja (fil-ħabs). Data tat-twelid: 20.11.1973. Post tat-twelid: Benghazi, Libyan Arab Jamahiriya. Nazzjonalità: Palestinjan bla stat. Numru tal-Passaport: (a) 939254 (dokument tal-ivvjaġġar Eġizzjan), (b) 0003213 (passaport Eġizzjan), (c) 981358 (passaport Eġizzjan), (d) C00071659 (sostitut tal-passaport maħruġ mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja). Informazzjoni oħra: Ikkundannat għal ħames snin u sitt xhur priġunerija fil-Ġermanja fis-6 ta' Diċembru. 2007. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.12.2005."

(c) L-annotazzjoni "Nasir 'Abd-Al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi (magħruf ukoll bħala (a) Nasir al-Wahishi, (b) Abu Basir Nasir al-Wahishi, (c) Naser Abdel Karim al-Wahishi, (d) Nasir Abd al-Karim al-Wuhayshi, (e) Abu Basir Nasir Al-Wuhayshi, (f) Nasser Abdul- karim Abdullah al-Wouhichi, (g) Abu Baseer al-Wehaishi, (h) Abu Basir Nasser al-Wuhishi, (i) Abdul Kareem Abdullah Al-Woohaishi, (j) Nasser Abdelkarim Saleh Al Wahichi, (k) Abu Basir, (l) Abu Bashir). Data tat-twelid: (a) 1.10.1976, (b) 8.10.1396 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Numru tal-Passaport: 40483 (Numru tal-passaport Jemenit maħruġ fil-5.1.1997). Tagħrif ieħor: Kien il-ħabs fil-Jemen bejn l-2003 u l-2006. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Nasir 'Abd-Al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi (magħruf ukoll bħala (a) Nasir al-Wahishi, (b) Abu Basir Nasir al-Wahishi, (c) Naser Abdel Karim al-Wahishi, (d) Nasir Abd al-Karim al-Wuhayshi, (e) Abu Basir Nasir Al-Wuhayshi, (f) Nasser Abdul-karim Abdullah al-Wouhichi, (g) Abu Baseer al-Wehaishi, (h) Abu Basir Nasser al-Wuhishi, (i) Abdul Kareem Abdullah Al-Woohaishi, (j) Nasser Abdelkarim Saleh Al Wahichi, (k) Abu Basir, (l) Abu Bashir). Data tat-twelid: (a) 1.10.1976, (b) 8.10.1396 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Il-Jemen. Nazzjonalità: Jemenita. Numru tal-Passaport: 40483 (Numru tal-passaport Jemenit maħruġ fil-5.1.1997). Informazzjoni oħra: (a) Mill-2007, mexxej ta'Al-Qaida fil-Jemen (AQY). (b) Minn Jannar 2009, mexxej ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija li topera fil-Jemen u fl-Arabja Sawdija (c) Assoċjat mat-tmexxija għolja ta' Al-Qaida (d) jgħid li kien segretarju ta' Usama Bin Laden (mejjet) qabel l-2003. (e) Arrestat fl-Iran u estradit lejn il-Jemen

fl-2003, fejn huwa ħarab mill-ħabs fl-2006 u kien għadu maħrub f'Jannar 2010. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010."

(d) L-annotazzjoni "Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abosslah, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-Passaport: F654645 (Numru tal-passaport Sawdi, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data ta' skadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni ċivili Sawdi). Tagħrif ieħor: (a) Manifattur operattiv u prinċipali ta' bombi ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija; (b) Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen minn Marzu 2011; (c) Imfittex mill-Arabja Sawdija; (d) L-Avviż Oranġjo tal-INTERPOL (fajl #2009/52/OS/CCC, #81) inħareġ għalih; (e) Assoċjat ma' Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, Said Ali al-Shihri, Qasim Yahya Mahdi al-Rimi u Anwar Nasser Abdulla Al-Aulaqi. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.3.2011." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Ibrahim Hassan Tali Al-Asiri (magħruf ukoll bħala (a) Ibrahim Hassan Tali Asiri, (b) Ibrahim Hasan Talea Aseeri, (c) Ibrahim Hassan al-Asiri, (d) Ibrahim Hasan Tali Asiri, (e) Ibrahim Hassan Tali Assiri, (f) Ibrahim Hasan Tali'A 'Asiri, (g) Ibrahim Hasan Tali al-'Asiri, (h) Ibrahim al-'Asiri, (i) Ibrahim Hassan Al Asiri, (j) Abu Saleh, (k) Abosslah, (l) Abu-Salaah). Indirizz: Jemen. Data tat-twelid: (a) 19.4.1982, (b) 18.4.1982, (c) 24.6.1402 (Kalendarju Hijri). Post tat-twelid: Riyadh, l-Arabja Sawdija. Nazzjonalità: Sawdija. Numru tal-Passaport: F654645 (Numru tal-passaport tal-Arabja Sawdija, maħruġ fit-30.4.2005, skada fis-7.3.2010, data tal-ħruġ fil-Kalendarju Hijri 24/06/1426, data tal-iskadenza fil-Kalendarju Hijri 21/03/1431). Numru ta' identifikazzjoni nazzjonali: 1028745097 (Numru ta' identifikazzjoni ċivili Sawdi). Informazzjoni oħra: (a) Element operattiv u manifattur prinċipali ta' bombi ta' Al-Qaida fil-Peniżola Għarbija; (b) Hu maħsub li jinsab moħbi fil-Jemen f'Marzu 2011; (c) Imfittex mill-Arabja Sawdija; (d) Assoċjat ukoll ma' Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, Qasim Yahya Mahdi al-Rimi u Anwar Nasser Abdulla Al-Aulaqi. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.3.2011."

(e) L-annotazzjoni "Adil Muhammad Mahmud Abd Al-Khaliq (magħruf ukoll bħala (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Baħrejn. Nazzjonalità: Baħrejni. Numru tal-Passaport: 1632207 (Baħrejni). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Adil Muhammad Mahmud Abd Al-Khaliq (magħruf ukoll bħala (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-twelid: Il-Bahrain. Nazzjonalità: Bahraini. Numru tal-Passaport: 1632207 (Bahraini). Informazzjoni oħra: (a) Aġixxa f'isem, u pprovda appoġġ finanzjarju, materjali u loġistiku, lil Al-Qaida u lil-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG); (b) Arrestat fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE) f'Jannar tal-2007 fuq akkuži li huwa membru ta' Al-Qaida u ta' LIFG; (c) Wara li nstab ħati fl-Emirati Għarab Magħquda lejn tmiem l-2007 ġie trasferit lejn il-Bahrain kmieni fl-2008 biex hemm jiskonta l-bqija tas-sentenza tiegħu; (d) Wara li nħeles fl-2008, reġa' beda l-attivitajiet ta' ġbir ta' flus tiegħu għal Al-Qaida, tal-inqas sal-2012; (e) Huwa ġabar ukoll flus għat-Taliban. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2008."

(f) L-annotazzjoni "Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (magħruf ukoll bħala (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (ċ) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Al-Libi). Indirizz: Johannesburg, l-Afrika ta' Isfel. Data tat-twelid: 1966 Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: 203037 (Passaport Libjan maħruġ fi Tripoli). Tagħrif ieħor: (a) Affiljat mal-Kumitat ta' Appoġġ Afgan (KAA) u s-Soċjetà għal-Qawmien mill-ġdid tal-Wirt Iżlamiku (SQWI) u l-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Ibrahim Ali Abu Bakr Tantoush (magħruf ukoll bħala (a) Abd al-Muhsin, (b) Ibrahim Ali Muhammad Abu Bakr, (c) Abdul Rahman, (d) Abu Anas, (e) Ibrahim Abubaker Tantouche, (f) Ibrahim Abubaker Tantoush, (g) Abd al-Muhsi, (h) Abd al-Rahman, (i) Abdel Ilah Sabri (identità falza relatata man-numru tal-identifikazzjoni frawdolenti Sud Afrikan 6910275240086 konness man-numru tal-passaport Sud Afrikan 434021161, iż-żewġ dokumenti ġew ikkonfiskati)). Indirizz: Tripli, il-Libja (fi Frar 2014). Data tat-twelid: 2.2.1966. Post tat-twelid: al Aziziyya, il-Libja. Nazzjonalità: Libjana. Numru tal-Passaport: (a) Passaport Libjan bin-numru 203037, maħruġ fi Tripli, il-Libja (b) passaport Libjan bin-numru 347834, maħruġ bl-isem ta' Ibrahim Ali Tantoush, skada fil-21 ta' Frar 2014). Informazzjoni oħra: (a) Assoċjat mal-Afghan Support Committee (ASC), mar-Revival of Islamic Heritage Society (RIHS) u mal-Libyan Islamic Fighting Group (LIFG) Ritratt u marki tas-swaba disponibbli għall-inklużjoni fl-Avviż Speċjali tal-INTERPOL-UNSC. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002."

(g) L-annotazzjoni "Zulkifli Abdul Hir (alias (a) Musa Abdul Hir, (b) Muslimin Abdulmotalib, (c) Salim Alombra, (d) Armand Escalante, (e) Normina Hashim, (f) Henri Lawi, (g) Hendri Lawi, (h) Norhana Mohamad, (i) Omar Salem, (j) Ahmad Shobirin, (k) Bin Abdul Hir Zulkifli, (l) Abdulhir Bin Hir, (m) Hassan, (n) Hogalu, (o) Hugalu, (p) Lagu, (q) Marwan). Indirizz: Seksyen 17, Shah Alam, Selangor, il-Malasja. Data tat-twelid: (a) 5.1.1966, (b) 5.10.1966. Post tat-twelid: Muar Johor, il-Malasja. Nazzjonalità: Malasjana. Numru tal-Passaport: A 11263265. Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 660105-01-5297 Informazzjoni oħra: (a) Isem l-omm hu Minah Binto Aogist Abd Aziz, (b) Numru tal-liċenzja tas-sewqan D2161572 maħruġa l-Kalifornja, l-Istati Uniti tal-Amerika. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.9.2003." fl-intestatura "Persuni fiżiċi" hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Zulkifli Abdul Hir (alias (a) Musa Abdul Hir, (b) Muslimin Abdulmotalib, (c) Salim Alombra, (d) Armand Escalante, (e) Normina Hashim, (f) Henri Lawi, (g) Hendri Lawi, (h) Norhana Mohamad, (i) Omar Salem, (j) Ahmad Shobirin, (k) Bin Abdul Hir Zulkifli, (l) Abdulhir Bin Hir, (m) Hassan, (n) Hogalu, (o) Hugalu, (p) Lagu, (q) Marwan (prominentement magħruf bħala)). Indirizz: (a) Seksyen 17, Shah Alam, Selangor, il-Malasja (post preċedenti), (b) Maguindanao, il-Filippini (f'Jannar 2015). Data tat-twelid: (a) 5.1.1966, (b) 5.10.1966. Post tat-twelid: Muar Johor, il-Malasja. Nazzjonalità: Malasjan. Numru tal-Passaport: (a) A 11263265, (b) Numru tal-identifikazzjoni nazzjonali: 660105-01-5297, (c) Liċenzja tas-sewqan D2161572, maħruġa f'California, l-Istati Uniti. Informazzjoni oħra: (a) Il-Qorti ta' Northern District of California, l-Istati Uniti, ħarġet mandat ta' arrest għalih fl-1 ta' Awwissu 2007. (b) Ikkonfermat li miet f'Maguindanao, il-Filippini f'Jannar 2015. (c) Isem ommu huwa Minah Binto Aogist Abd Aziz. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.9.2003."

(2) L-annotazzjonijiet li ġejjin jiġu emendati fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

(a) L-annotazzjoni "Revival of Islamic Heritage Society (*alias* (a) Jamiat Ihia Al-Turath Al-Islamiya, (b) Revival of Islamic Society Heritage on the African Continent, (c) Jamia Ihya Ul Turath, (d) RIHS). Indirizz: (a) Il-Pakistan; (b) L-Afganistan. Tagħrif ieħor: (a) Huma indikati biss l-uffiċċji tal-Pakistan u tal-Afganistan ta' din l-entità; (b) Assoċjata ma' Abu Bakr al-Jaziri u mal-Afghan Support Committee (ASC). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Revival of Islamic Heritage Society (magħrufa wkoll bħala (a) Revival of Islamic Society Heritage on the African Continent (b) Jamia Ihya ul Turath (c) RIHS (d) Jamiat Ihia Al-Turath Al-Islamiya (e) Al-Furqan Foundation Welfare Trust (f) Al-Furqan Welfare Foundation Indirizz: (a) Il-Pakistan, (b) L-Afganistan. Informazzjoni oħra: (a) Huma dežinjati biss l-uffiċċji ta' din l-entità fil-Pakistan u fl-Afganistan, (b) Assoċjata ma' Abu Bakr al-Jaziri u l-Kumitat tal-Appoġġ Afgan (ASC). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002."

(b) L-annotazzjoni "Al-Haramain Islamic Foundation, (is-Somalja). Indirizz: Is-Somalja. Tagħrif ieħor: Il-fundatur u dak li qabel kien il-mexxej huma Aqeel Abdulaziz Aqeel al-Aqeel. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Al-Haramain Islamic Foundation (is-Somalja). Indirizz: Is-Somalja. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002."

(c) L-annotazzjoni "Al-Qaida fil-peniżola Għarbija (alias (a) AQPGħ, (b) l-organizzazzjoni ta' Al-Qaida tal-Ġihad fil-peniżola Għarbija, (c) Tanzim Qa'idat al-Jihad fi Jazirat al-Arab, (d) l-organizzazzjoni Al-Qaida fil-peniżola Għarbija, (e) Al-Qaida fin-naħa ta' isfel tal-peniżola Għarbija, (f) Ansar al-Shari'a, (g) AAS, (h) Al-Qaida fil-Jemen, (i) AQY). Tagħrif ieħor: Post: Il-Jemen jew l-Arabja Sawdija. L-Ansar al-Shari'a ġiet iffurmata fil-bidu tal-2011 mill-AQPGħ. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Al-Qaida in the Arabian Peninsula (magħrufa wkoll bħala (a) AQAP, (b) Al-Qaida of Jihad Organization in the Arabian Peninsula, (c) Tanzim Qa'idat al-Jihad fi Jazirat al-Arab, (d) Al-Qaida Organization in the Arabian Peninsula, (e) Al-Qaida in the South Arabian Peninsula, (f) Ansar al-Shari'a, (g) AAS, (h) Al-Qaida fil-Jemen, (i) AQY). Informazzjoni oħra: (a) Post: Il-Jemen jew l-Arabja Sawdija (2004-2006). (b) Iffurmata f'Jannar 2009 meta Al-Qaida fil-Jemen ingħaqdet mal-operattivi ta' Al-Qaida tal-Arabja Sawdija, (c) Il-mexxej tal-AQAP huwa Nasir 'abd-al-Karim 'Abdullah Al-Wahishi, (d) Ansar al-Shari'a ġiet iffurmata kmieni fl-2011 mill-AQAP u ħadet ir-responsabbiltà għal bosta attakki fil-Jemen kemm kontra l-gvern kif ukoll kontra objettivi ċivili. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.1.2010."

(d) L-annotazzjoni "Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħruf ukoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Tagħrif ieħor: (a) Tehrik-e Taliban huwa bbażat fiż-żoni tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Ġie ffurmat fl-2007, il-mexxej tiegħu huwa Hakimullah Mehsud; (c) Wali Ur Rehman huwa l-Emir tat-TTP għall-Waziristan t'Isfel. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011." fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħrufa wkoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Informazzjoni oħra: (a) Tehrik-e Taliban hija bbażata fiż-żoni tribali fil-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Iffurmata fl-2007, il-mexxej tagħha huwa Maulana Fazlullah. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011."

(3) L-annotazzjoni li ġejja tiżdied fl-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

(a) "The Army Of Emigrants And Supporters (magħrufa wkoll bħala: (a) Battalion of Emigrants and Supporters (b) l-organizzazzjoni Army of Emigrants and Supporters (c) Battalion of Emigrants and Ansar d) Jaysh al-Muhajirin wal-Ansar (JAMWA); Indirizz: iż-żona ta' Jabal Turkuman, Lattakia Governorate, ir-Repubblika Għarbija Sirjana; Informazzjoni oħra: Stabbilita minn ġellieda terroristiċi barranin fl-2013. Post: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Affiljata mal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u fil-Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq u Al-Nusrah Front for the People of the Levant; Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.8.2015".